


Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI - *Digital Economy and Society Index*)¹ Rapport tal-Pajjiż 2018 Malta

Ir-rapport tad-DESI jsegwi l-progress li sar mill-Istati Membri fit-termini tad-diġitalizzazzjoni tagħhom. Dan huwa strutturat f'ħames kapitoli:

1 Konnettività	Broadband fiss, broadband mobbli u preżżijiet
2 Kapital uman	Użu tal-internet, ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati
3 Użu tas-servizzi tal-internet	Użu tal-kontenut, tal-komunikazzjoni u tat-tranżazzjonijiet online miċ-ċittadini
4 Integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali	Diġitalizzazzjoni tan-negozji u kummerċ elettroniku
5 Servizzi pubbliċi diġitali	Gvern elettroniku u Saħħa elettronika

Id-DESI ġie kkalkulat mill-ġdid għas-snin preċedenti għall-pajjiżi kollha biex jirrifletti bidliet żgħar fl-għażla tal-indikaturi u korrezzjonijiet tad-dejta indikatriċi sottostanti. Minħabba f'hekk, il-punteġġi tal-pajjiżi u l-klassifikazzjonijiet tagħhom jista' jkun li nbidlu mill-pubblikazzjoni preċedenti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta n-nota dwar il-metodoloġija tad-DESI fuq <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/desi>.





¹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/desi>

	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
DESI 2018	12	57.7	54.7	54.0
DESI 2017	10	54.9	51.5	50.8

Malta tinsab fit-12-il post mit-28 Stat Membru tal-UE. B'mod ġenerali, din imxiet 'il quddiem b'pass medju matul l-aħħar snin. Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fil-konnettività tal-broadband u fl-użu tas-servizzi tal-internet miċ-ċittadini. Malta tibqa' fuq quddiem nett fl-Ewropa fid-disponibbiltà ta' broadband fiss (bażiku, veloċi u ultraveloċi), u hija l-uniku Stat Membru b'kopertura sħiħa ta' networks ultraveloċi. Il-punteġġi ta' Malta huma wkoll tajbin ħafna fil-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali. L-isfidi ewlenin huma l-ħiliet diġitali, speċjalment in-numru baxx ta' gradwati fis-STEM (xjenza, teknoloġija u matematika) u d-dejta miftuħa. It-titjib tal-ħiliet diġitali huwa vitali wkoll biex titjeb l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-intrapriżi.

Malta tagħmel parti mir-raggruppament ta' pajjiżi bi prestazzjoni Medja².

L-Istrateġija għal Malta Diġitali³ tnediet fl-2014. Dan huwa dokument ta' politika biex jiggwida l-pajjiż lejn il-Viżjoni 2020 fejn "Malta ser tiffjorixxi bħala nazzjon diġitali fis-setturi kollha tas-soċjetà". L-istrateġija tippreżenta 71 azzjoni taħt tliet temi strateġiċi, jiġifieri, in-Negożju Diġitali, il-Gvern Diġitali u ċ-Ċittadin Diġitali. Dawn il-pilastru strateġiċi vertikali huma sostnuti minn tliet forzi ewlenin, jiġifieri r-Regolamentazzjoni u l-Leġiżlazzjoni, l-Infrastruttura u l-Kapital Uman. Fl-2017, l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA) ħejjet aġġornament ta' Strateġija għall-2018-2020⁴.



² Il-pajjiżi bi prestazzjoni medja huma Spanja, l-Awstrija, Malta, il-Litwanja, il-Ġermanja, is-Slovenja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, Franza u l-Latvja.

³ <https://digitalmalta.org.mt/en/Pages/Home.aspx>

⁴ <https://www.mca.org.mt/articles/strategy-update-2018-2020>

1 Konnettività

1 Konnettività	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
DESI 2018	6	73.1	62.4	62.6
DESI 2017	6	67.2	58.8	58.5

	Malta				UE DESI 2018 valur
	DESI 2018		DESI 2017		
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	
1a1 Kopertura tal-broadband fiss % tal-unitajiet domestiċi	100% →	1	100%	1	97%
2017			2016		2017
1a2 Introduzzjoni tal-broadband fiss % tal-unitajiet domestiċi	84% ↑	6	80%	7	75%
2017			2016		2017
1b1 Kopertura 4G % tal-unitajiet domestiċi (medja ta' operaturi)	99% →	4	99%	3	91%
2017			2016		2017
1b2 Introduzzjoni tal-broadband mobbli Abbonamenti kull 100 persuna	93 ↑	10	68	24	90
2017			2016		2017
1c1 Kopertura tal-broadband veloċi (NGA) % tal-unitajiet domestiċi koperti minn VDSL, FTTP jew Docsis 3.0	100% →	1	100%	1	80%
2017			2016		2017
1c2 Introduzzjoni tal-broadband veloċi % tad-djar li huma abbonati għal >= 30Mbps	53% ↑	4	48%	3	33%
2017			2016		2017
1d1 Kopertura tal-broadband ultraveloċi % tal-unitajiet domestiċi koperti minn FTTP jew Docsis 3.0	100%	1	Mhux applikabbli		58%
2017					2017
1d2 Introduzzjoni tal-broadband ultraveloċi % tad-djar abbonati għal >= 100Mbps	11.4% ↑	18	3.4%	23	15.4%
2017			2016		2017
1e1 Indiċi tal-prezz tal-broadband Punteġġ (0 sa 100)	Mhux applikabbli		Mhux applikabbli		87
2017			2016		2017

B'punteġġ globali ta' konnettività ta' 73.1, Malta tikklassifika fis-sitt post fost l-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-Konnettività, u tikkonferma l-klassifikazzjoni tas-sena li għaddiet. Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fil-konnettività tal-broadband: din tikklassifika fl-ewwel post fit-termini ta' broadband fiss, broadband veloċi (NGA) u kopertura tal-broadband ultraveloċi b'100% tal-popolazzjoni koperta. L-introduzzjoni ta' broadband fiss

(84%) qed tkompli tiżdied u taqbeż il-medja tal-UE (75%). Għe rreġistrat tkabbir sinifikanti fl-introduzzjoni tal-broadband mobbli (minn 68 abbonament għal kull 100 persuna fl-2016, għal 93 fl-2017), u fl-introduzzjoni tal-broadband ultraveloċi (minn 3.4% tad-djar li huma abbonati għal >=100 Mbps fl-2017, għal 11.4 % fl-2017). Wara ż-żieda konsiderevoli fl-introduzzjoni tal-broadband fiss ultraveloċi, hemm l-isforz kontinwu mill-fornituri tas-servizzi biex jaġġornaw lill-konsumaturi eżistenti għal dawn il-prodotti u l-offerti u l-iskontijiet okkażjonali li jikkarakterizzaw din il-firxa ta' prodotti, partikolarment meta jinxtraw bħala parti minn pakkett. Madanakollu, ir-rati ta' introduzzjoni ta' veloċità għolja għadhom baxxi fid-dawl tal-kopertura kważi universali ta' dawn in-netwerks.

F'Novembru 2017, l-NRA Maltija (MCA) ippubblikat l-aġġornament tal-Istrateġija tagħha għall-2018-2020. Hija, timmira *fost l-oħrajn* li jiġi żgurat il-progress lejn l-użu ta' netwerks NGA multipli, fissi u mobbli, u t-titjib fl-għażla u l-valur tas-servizzi bl-imnut, speċjalment fil-broadband.

Bħalissa, Malta hija konessa mal-grilja globali tal-Internet b'erba' kejbils fibbrottiċi sottomarini li kollha jispiċċaw fi Sqallija. Fl-2015, l-MCA nediet studju ta' fattibiltà għal kejbil sottomarin ġdid li jgħaqqad lil Malta ma' postijiet oħra alternattivi bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza u l-kwalità tal-konnettività internazzjonali tal-komunikazzjonijiet elettroniċi attwali⁵.

Barra minn hekk fl-2017, GO (wieħed mill-operaturi ewlenin f'Malta) ħabbar li se jinvesti aktar minn €100 miljun fil-ħames snin li ġejjin biex jiżgura li l-infrastruttura u s-sistemi tiegħu jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u jkomplu jaqdu t-talbiet li dejjem qed jiżdiedu tal-komunità u l-ekonomija Maltija. B'mod partikolari, il-kumpanija bħalissa qed ittejjeb iż-żewġ kejbils sottomarini tagħha li jgħaqqdu lil Malta mal-Ewropa kontinentali permezz ta' Sqallija. Dawn l-aġġornamenti huma kważi lesti, u huma mistennija (mill-inqas) li jirduppjaw il-kapaċità tad-dejta ta' dawn il-konnessjonijiet. GO ħabbar ukoll li qed jevalwa l-fattibiltà li tinħoloq konnessjoni ġdida ma' kejbil sottomarin eżistenti li bħalissa qed jorbot lil Tunis ma' Marsilja. Din tkun l-ewwel konnessjoni li mhijiex kompletament dipendenti fuq l-Italja kontinentali.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar tal-ispettru, Malta ħadet passi konkreti fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi ġirien bl-għan li tagħmel il-faxxa tas-700 MHz disponibbli għall-forniment tas-servizzi tad-WBB. Madankollu, l-assenjazzjoni tal-faxxa tat-800 MHz - li għet ittardjata sakemm isir l-eżami ta' fużjoni proposta bejn Vodafone u Melita - ma jeħtieġx li tkun soġġetta għal aktar dewmien wara l-kanċellazzjoni tal-fużjoni pplanata. L-awtoritajiet Maltin jeħtieġ li jagħmlu kull sforz possibbli biex jagħmlu progress ħalli jiżguraw id-disponibbiltà f'waqtha ta' spettru armonizzat fis-suq.

⁵ L-studju wera li konnessjoni ġdida mal-Ewropa kontinentali permezz ta' fergħa li tkun proprjetà lokali u "sussidjata mill-Gvern" għal kejbil sottomarin trans-Mediterran, ittejjeb il-kredibilità ta' Malta bħala destinazzjoni għall-investment kummerċjali internazzjonali u tiżgura li r-rekwiżiti u l-kompetittività tal-konnettività tat-telekomunikazzjonijiet internazzjonali futuri tal-pajjiż jiġu ssodisfati. Attwalment l-MCA qed tiddiskuti mal-awtoritajiet lokali biex tistabbilixxi programm li jiffaċilita l-investment b'intervent minimu mill-gvern ċentrali.

2 Kapital uman

2 Kapital uman	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
DESI 2018	17	51.6	58.6	56.5
DESI 2017	17	50.0	56.5	54.6

	Malta				UE
	DESI 2018		DESI 2017		DESI 2018
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	valur
2a1 Utenti tal-internet % tal-individwi	79% ↑ 2017	16	76% 2016	18	81% 2017
2a2 Minn tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi % tal-individwi	56% ↑ 2017	14	49% 2016	20	57% 2017
2b1 Speċjalisti fl-ICT % tal-impjegji totali	3.7% ↑ 2016	12	3.6% 2015	13	3.7% 2016
2b2 Gradwati fis-STEM⁶ Kull 1000 individwu (età 20-29)	13.1 ↓ 2016	24	16.0 2014	19	19.1 2015

Malta għandha punteġġ taħt il-medja fir-rigward tal-Kapital uman, u tikklassifika fis-sbatax-il post fuq din id-dimensjoni tad-DESI. Il-perċentwal tal-utenti tal-internet żdied bi tliet punti perċentwali u huwa kemmxajn taħt il-medja. Il-ħiliet diġitali bażiċi tjebru sostanzjalment għal 56% (57% fl-UE). F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet diġitali avvanzati, il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol huwa l-istess bħal fl-UE. Madankollu, is-sehem tal-gradwati fis-STEM (Xjenza, Teknoloġija u Matematika) huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-Ewropa.

Fl-2017, tnedew għadd kbir ta' attivitajiet tnedew f'dan il-qasam. Pereżempju, l-MCA flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Anzjanità Attiva nedew l-inizjattiva Ċavetta Diġitali, programm ġdid ta' taħriġ tal-ICT li għandha fil-mira 2000 ċittadin anzjan minn ċentri tal-kura ta' matul il-jum u residenti fi djar tal-anzjani tal-Gvern⁷. L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta (MITA) kompliet torganizza l-Programm ta' Kollokament tal-Istudenti (*Student Placement Programme* - SPP) biex tiffaċilita l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol temporanju għall-istudenti fis-settur tal-ICT. Il-Fondazzjoni eSkills Malta għandha rwol ewlieni fit-titjib tal-ħiliet diġitali. Il-fondazzjoni għandha l-għan li tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali billi tikkontribwixxi għall-politika, il-komunità tal-edukazzjoni diġitali, l-iżvilupp ta' professjonijiet tal-ICT u l-iżvilupp ta' ħiliet fil-forza tax-xogħol u s-soċjetà. Il-fondazzjoni organizza sessjonijiet dwar il-karrieri għal l-istudenti tal-iskola sekondarja, ħarrġet għalliema u konsulenti għall-karrieri, wettqet il-Ġimgħa Ewropea għall-lkkowdjar f'Malta, il-Jum tal-Professjonisti tal-IT, nediet Verifika tal-ħiliet fl-ICT, kif ukoll żjarat fl-industrija minn għalliema u studenti. B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, organizza

⁶ Fid-DESI 2018 intużat l-aktar dejta riċenti. Din tista' tirreferi għall-2016 jew l-2015 skont l-Istat Membru. Dan huwa rifless fil-klassifikazzjoni tad-DESI 2018. Id-dejta storika ġiet aġġornata mill-Eurostat.

⁷ Programmi oħra jinkludu l-promozzjoni dwar l-użu sikur tal-Internet fost iż-żgħirażagħ u l-istabbiliment ta' ċentri ta' Assistenza Teknoloġika għal persuni b'diżabilità.

konferenza dwar l-impatt tal-Professjonaliżmu fl-IT fl-Ekonomija Ewropea⁸. Il-Fondazzjoni kienet involuta wkoll f'diversi inizjattivi tal-UE inkluż il-Proġett SCALE. Il-promozzjoni tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni tibqa' prijorità.

Wieħed mill-objettivi strateġiċi tal-MCA għall-2018-2020 huwa li jinkiseb il-litteriżmu elettroniku mifruż u l-inklużjoni diġitali. Hemm bidla fil-fokus mill-inkoraġġiment tal-ewwel passi fl-aċċessibilità diġitali għall-użu applikat tal-ICTs biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-użu tal-internet. L-aġġornament tal-istrateġija jidentifika tliet komponenti ewlenin: (1) l-inċentivazzjoni tal-inklużjoni diġitali permezz ta' skema ta' *hardware*/konnnettività għaċ-ċittadini anzjani, (2) l-inkrimentazzjoni tal-iskemi għal tagħlim tal-ICT applikat, (3) il-ġestjoni (u l-possibbiltà tal-estenzjoni) ta' inizjattiva ta' hotspots tal-wi-fi bla kabl (4) l-istabbiliment ta' viżjoni ta' kodifikazzjoni għal Malta u (5) l-inkoraġġiment ta' soluzzjonijiet tan-negozju elettroniku.

⁸ <http://ictprofessionalism.eu/conference-june-14th-2017/>

3 Użu tas-servizzi tal-internet

3 Użu tas-servizzi tal-internet	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
DESI 2018	6	63.3	48.3	50.5
DESI 2017	8	59.0	45.0	47.5

	Malta				UE DESI 2018 valur
	DESI 2018		DESI 2017		
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	
3a1 Aħbarijiet % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	83% ↑	12	79%	14	72%
2017			2016		2017
3a2 Mużika, vidjos u logħob % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	90%	4	90%	4	78%
2016			2016		2016
3a3 Vidjo on Demand % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	26%	8	26%	8	21%
2016			2016		2016
3b1 Telefonati bil-vidjo % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	56% ↑	9	48%	11	46%
2017			2016		2017
3b2 Netwerks soċjali % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	87% ↑	1	82%	2	65%
2017			2016		2017
3c1 Servizzi bankarji % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 3 xhur	61% ↑	17	60%	15	61%
2017			2016		2017
3c2 Xiri % tal-individwi li użaw l-Internet fl-aħħar 12-il xahar	64% ↑	15	62%	14	68%
2017			2016		2017

L-utenti tal-internet Maltin jagħmlu użu minn firxa wiesgħa ta' servizzi online. Malta għandha punteġġ ferm ogħla mill-medja tal-UE f'din id-dimensjoni tad-DESI, u għandha prestazzjoni ogħla mill-medja fil-biċċa l-kbira tal-indikaturi. 90% tal-utenti tal-internet idoqqu l-mużika, jaraw il-vidjows u jilagħbu l-logħob (78% fl-UE), 87% jużaw il-midja soċjali (l-ogħla fl-Ewropa, il-medja tal-UE hija 65%) u 83% jaqraw l-aħbarijiet online (72% fl-UE). Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-UE anke fl-abbonamenti għal Vidjo on Demand (26%) u fit-telefonati bil-vidjo (56%).

Madankollu, Malta għandha prestazzjoni medja fir-rigward tas-servizzi ta' tranżazzjonijiet bħall-eBanking u x-xiri online. 64% tal-utenti tal-internet jixtru online u 61% jużaw servizzi bankarji online. Malta riċentement irreviediet l-istrateġija tal-kummerċ elettroniku tagħha biex tappoġġja lin-negozji fil-bejgħ online.

L-indikaturi kollha wrew żieda s-sena l-oħra, u Malta rnexxielha ttejjeb il-klassifikazzjoni tagħha mit-tmien post sas-sitt post.

4 Integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali

4 Integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
DESI 2018	15	38.9	42.1	40.1
DESI 2017	13	38.8	38.5	36.7

	Malta				UE
	DESI 2018 valur	klassifikazzjoni	DESI 2017 valur	klassifikazzjoni	DESI 2018 valur
4a1 Kondiviżjoni tal-informazzjoni elettronika % tal-impriżi	30% 2017	→	17	30% 2015	19 2017
4a2 RFID % tal-impriżi	6.0% 2017	↓	7	6.2% 2014	5 2017
4a3 Midja soċjali % tal-impriżi	27% 2017	→	8	27% 2016	5 2017
4a4 Fatturi elettroniċi % tal-impriżi	Mhux applikabbli 2017			9.0% 2016	23 2017
4a5 Cloud % tal-impriżi	Mhux applikabbli 2017			14.5% 2016	11 2017
4b1 SMEs li jbigħu online % tal-SMEs	16.0% 2017	↓	15	18.0% 2016	12 2017
4b2 Fatturat mill-kummerċ elettroniku % tal-fatturat tal-SMEs	6.7% 2017	↑	20	5.9% 2016	22 2017
4b3 Bejgħ Transfruntier online % tal-SMEs	10.2% 2017	↓	9	11.7% 2015	4 2017

Malta għandha prestazzjoni kemxejn taħt il-medja tal-UE fl-użu tat-teknoloġiji diġitali mill-intrapriżi, fejn niżlet żewġ pożizzjonijiet għat-13-il post. In-negozji Maltin huma b'saħħithom fl-użu tal-midja soċjali (27%, medja tal-UE 21%) u t-teknoloġija tal-RFID (6%, UE 4.2%), iżda f'tit minnhom biss jibagħtu fatturi elettroniċi (9% biss). Il-Kondiviżjoni tal-informazzjoni elettronika hija ta' 30% meta mqabbla mal-34% fl-UE, filwaqt li l-użu tas-servizzi avvanzati tal-Cloud Computing huwa f'tit ogħla mill-medja tal-UE. Fil-kummerċ elettroniku, 16% tal-SMEs ibigħu online, u l-kummerċ elettroniku jirrappreżenta 6.7% tal-fatturat tal-SMEs: it-tnejn li huma taħt il-medja. Fl-istess ħin, Malta għandha punteġġ tajjeb għall-bejgħ transfruntier tal-SMEs (10.2%, meta mqabbel mat-8.4% fl-UE).

Fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrateġija tal-MCA, l-iżvilupp u l-użu tal-kummerċ elettroniku u servizzi oħra online huma stabbiliti bħala waħda mill-prijoritajiet. Dan jinkludi għadd ta' inizjattivi bl-għan li tiżdied l-enfasi fuq l-użu tal-kummerċ elettroniku min-negozji, jitnieda l-portal tat-tagħlim elettroniku għall-SMEs iffinanzjat mill-UE, it-tkomplija tas-sensibilizzazzjoni tas-swieq diġitali u tal-cloud fil-komunità tan-negozju u l-forniment ta' taħriġ mingħajr ħlas ta' tranżazzjonijiet online liċ-ċittadini individwali.

FI-2017, l-MCA wettqet reviżjoni komprensiva tal-Istrateġija Nazzjonali għall-kummerċ elettroniku. L-MCA identifikat f'dax il qasam ta' fokus immirati biex jiżguraw li n-negozji jkollhom il-mezzi u l-ħiliet meħtieġa biex jikkapitalizzaw fuq l-opportunitajiet miġjuba mill-kummerċ elettroniku. Fost kwistjonijiet oħra, ir-reviżjoni tirrikonoxxi li għad hemm reżistenza għal teknoloġiji ġodda, l-aktar mis-sidien tan-negozji, u li hemm nuqqas ta' ħiliet diġitali. Il-kummerċ elettroniku huwa wkoll imfikkell minn spejjeż għoljin tal-posta u t-trasport kif ukoll spejjeż tal-ipproċessar tal-pagamenti. L-MCA għandha l-għan li tippromwovi l-importanza tat-trasformazzjoni tal-proċess tan-negozju, u t-teknoloġiji ġodda bħall-Internet tal-Oġġetti, il-Big Data, l-informatika tal-kwantum, l-analiżi tad-dejta, iċ-ċibersigurtà u l-cloud computing. Fir-reviżjoni huwa ddikjarat ukoll li ħafna negozji għadhom ma żviluppawx strateġija ta' kummerċ u kummerċjalizzazzjoni mobbli, li huwa qasam fejn l-MCA se timmira li żżid is-sensibilizzazzjoni permezz ta' programmi ta' taħriġ dwar il-benefiċċji.

Sabiex tiġi inċentivata l-intraprenditorija diġitali, il-MITA Innovation Hub kompli l-programm aċċeleratur tiegħu, li jipprovdi investiment ta' avvjament biex jgħin lill-negozji ġodda li jkunu fi stadju bikri, biex jivvalidaw, joħolqu prototipi, jittestjaw u jpoġġu l-idea tan-negozju tagħhom fis-suq. Dan huwa appoġġjat mill-Ministeru għas-Servizzi Finanzjarji, l-Ekonomija Diġitali u l-Innovazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-programm iseħħ darbtejn fis-sena u joffri investiment ta' preavvjament ta' €22,000 għal mhux aktar minn ħames negozji ġodda. FI-2018, il-programm se jiffavorixxi teknoloġiji emerġenti u/jew mudelli rivoluzzjonarji bħall-Katina ta' Blokko ta' Tranżazzjonijiet, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Internet tal-Oġġetti.

Attività Ewlenija 2017:FastTrak

Fastrak hija inizjattiva mnedija fl-2017 mill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem (MEA) u l-General Retailers and Traders Union (GRTU). Din l-inizjattiva tinkludi sessjonijiet prattiċi ta' taħriġ dwar l-użu tal-kummerċjalizzazzjoni diġitali. Din għandha tgħin lill-kumpaniji Maltin jistabbilixxu preżenza online effettiva. It-taħriġ ġie organizzat mingħajr ħlas u kien immirat prinċipalment għal negozji żgħar. It-taħriġ kien iffokat fuq l-iskema ta' għotja tal-kummerċ elettroniku, il-kunċetti tal-kummerċjalizzazzjoni diġitali, il-kummerċjalizzazzjoni tal-midja soċjali, il-kummerċjalizzazzjoni permezz tal-email, kif ukoll ħarsa ġenerali tas-suq tal-kummerċ elettroniku f'Malta.100 ħanut bl-imnut ipparteċipaw fis-sessjonijiet ta' mentoraġġ tal-inizjattiva.

FI-2018, l-MCA se tniedi FastTrak2Mobile, li huwa sett ta' sessjonijiet ta' mentoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni mobbli kemm fil-fażi tal-promozzjoni kif ukoll fl-interazzjoni/relazzjonijiet bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ.

5 Servizzi pubbliċi diġitali

5 Servizzi pubbliċi diġitali	Malta		Raggruppament	UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ	punteġġ
DESI 2018	11	61.3	58.5	57.5
DESI 2017	10	60.0	54.9	53.7

	DESI 2018		Malta		UE
	valur	klassifikazzjoni	valur	klassifikazzjoni	DESI 2018 valur
5a1 Utenti tal-Gvern elettroniku⁹	48%	22	60%	15	58%
% tal-utenti tal-internet li kellhom jissottomettu formoli	↓				
2017			2016		2017
5a2 Formoli mimlijin minn qabel	100	1	98	1	53
Punteġġ (0 sa 100)	↑				
2017			2016		2017
5a3 Tlestija tas-servizz online	99	1	100	1	84
Punteġġ (0 sa 100)	↓				
2017			2016		2017
5a4 Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozi	94	4	94	4	83
Punteġġ (0 sa 100) - inklużi dawk domestiċi u transfruntiera	→				
2017			2016		2017
5a5 Dejta miftuħa	37%	28	17%	27	73%
% tal-punteġġ massimu	↑				
2017			2016		2017
5b1 Servizzi tas-Saħħa elettronika	6%	28	Mhux applikabbli		18%
% tal-individwi					
2017					

Globalment, Malta tinsab fil-11-il post fis-Servizzi Pubbliċi Diġitali, 'il fuq mill-medja tal-UE, iżda l-indikaturi f'din id-dimensjoni tal-indiċi juru stampa mħallta. Malta tinsab fuq quddiem nett fl-Ewropa fil-qasam tal-forniment tas-servizzi tal-gvern għaċ-ċittadini. Hija tinsab l-ewwel fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni fl-amministrazzjonijiet biex tagħmel il-ħajja aktar faċli għaċ-ċittadini (formoli mimlija minn qabel) kif ukoll fis-sofistikazzjoni tas-servizzi (Tlestija tas-Servizzi Online), fejn għandha l-punteġġ massimu. Malta għandha wkoll punteġġ tajjeb fis-servizzi pubbliċi online għan-negozi. Madankollu, l-użu miċ-ċittadini tal-Gvern elettroniku u s-Saħħa elettronika, kif ukoll tad-Dejta Miftuħa huwa taħt il-medja tal-UE.

FI-2017, Malta kompliet ittejjeb l-esperjenza diġitali tal-utent tas-servizz pubbliku. Bħala parti mill-Istrateġija Mobile Government, tnediet l-ewwel mewġa ta' applikazzjonijiet li ffukaw fuq l-estensjoni u t-tlestija tal-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti bejn il-Gvern u ċ-ċittadini, filwaqt li qed jiġu mmirati varjetà ta' servizzi, bħas-servizzi tat-tassazzjoni, tad-dwana, tas-saħħa u dawk ambjentali¹⁰. Malta qed tiżviluppa Strateġija tad-Dejta Nazzjonali. Bħala parti mill-istrateġija, se titwaqqaf l-Infrastruttura tad-Dejta Nazzjonali biex jiġi żgurat li l-prinċipju ta'

⁹ Id-definizzjoni ta' dan l-indikatur inbidlet. L-indikatur il-ġdid ikejjel l-utenti tal-Gvern elettroniku bħala perċentwal ta' dawk l-utenti tal-internet li jeħtieġu jissottomettu formoli lill-amministrazzjoni pubblika.

¹⁰ Permezz tat-tnedija tal-Maltaapps, il-MITA kkontribwixxiet ukoll biex jissaħħu l-viżibilità u l-aċċess tas-Servizzi mobbli tal-Gvern u tittejjeb l-esperjenza tal-utent tas-servizz pubbliku.

darba biss jġi implimentat fuq livell nazzjonali. Biex tingħata spinta lill-kummerċ, il-MITA flimkien mad-Dipartiment tad-Dwana bdiet tuża s-Sistema ta' Importazzjoni Nazzjonali elettronika ġdida (NIS), mibnija fuq l-istess teknoloġija bħas-Sistema ta' Esportazzjoni, żviluppata fl-2015.

Minkejja l-iżviluppi, għad hemm l-isfida biex jiżdied l-użu tas-servizzi pubbliċi diġitali.